MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2014

Numru. 680/2014

**Il-Pulizija**

**(Spt. Trevor Micallef)**

**vs**

**Gabriel Daniel Ferrari**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Gabriel Daniel Ferrari** bin Daniel u Karine xebba Duthoit, imwieled gewwa Franza nhar is-16 ta' Gunju, 1998, residenti 27,

Jeandmaray, Triq it-Trunciera t-Twila, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' Franciza 050713100570;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-23 ta' Lulju, 2014 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (01:30am) f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 Kap 9);

2. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament, hassar ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' hgiega ta' vettura tal-ghamla Daihatsu, numru ta' registrazzjoni ABK-671, liema hsara ma tiskorrix mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), pero' tiskorri t-tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) ghad-dannu tas-sidien tal-Percius Car Hire Limited u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art. 325 (1)(c) Kap 9);

3. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Art. 338 (dd) Kap 9);

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz

pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li jkunu ghamlu d-dmirijiet taghhom (Art. 338 (ee) Kap 9);

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fi stat ta' sakra (Art 338 (ff) Kap 9);

6. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi tlajja filwaqt li zamm f'idejh jew fuq il-persuna tieghu xi kontenitur tal-hgieg (flixkun) (Bye-law San Giljan 52/1/2008 Art 3);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Ra in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex tkun adoperata l-istess procedura u dan kif registrat fil-formola tal-ezami tieghu;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati bil-konsegwenza li issa qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kolha dedotti kontra tieghu;

Wara li rat d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputat ghandu fedina penali nadifa;

Wara li rat id-dikjarazzjoni tal-imputat illi lest li jaghmel tajjeb ghall-hsarat minnu kagjonati lil terzi;

Wara li rat l-artikoli 95, 325(1)(c), 338(dd) (ee) u (ff) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u il-Bye law San Giljan 52/1/2008 artikolu 3;

Qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €800 kwantu l-ewwel akkuza u multa ta' €65 kwantu is-sitt akkuza u mill-bqija tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------